**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 2692**

**Kaz Nru. 3527/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Perrine Maire-Louise Lydie Eulalie Bourgeais Denetrici tal-karta tal-identita' Franciza bin-Numru 081231308026.**

**u**

**Sara Grech Limited (C 7360).**

***(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).***

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Perrine Marie-Loiuse Lydie Eulalie Bourgeais, denetrici tal-karta tal-identita Franciza bin-numru 081231308026, li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2017. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. John Refalo u mill-Avv. Rose Galea Testaferrata u ghas-socjeta ntimata dehru l-Avv. Nicole Briffa u l-Avv. Matthew Cassar.**

**Fl’istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti tghid, li kienet impjegata mas-socjeta Sara Grech Limited (C 7360) u kienet ilha fl’impieg mill-4 ta’ Settembru, 2013.**

**Fl’istqarrija taghha hija tghid ukoll, li minkejja l-kuntratt bejn il-partijiet jissejjah “sub-agency agreement” effettivament ir-relazzjoni li nholqot bejn il-partijiet kienet ta’ impjieg u dan ghaliex il-kundizzjonijiet kollha fattwali rilevanti ghax-xoghol li kienet twettaq huma kollha kundizzjonijiet li huma intrisikament tan-natura ta’ kuntratt ta’ impieg.**

**Hija tghid ukoll fl’istqarrija tal-kaz taghha li fil-fatt jirrizulta, li hija dejjem hadmet skond l-istruzzjonijiet u taht id-direzzjoni u l-kontroll tal-kumpanija ntimata.**

**Fl’istqarrija taghha r-rikorrent tkompli tghid, li d-diskrizzjoni finali biex jittiehdu decizjonijiet kienet dejjem tal-kumpanija ntimata. Hija tghid ukoll, waqt li kienet impjegata mal-kumpanija ntimata ma setghetx tkompli tahdem bhala professjonista ndipendenti.**

**Ir-rikorrent tghid ukoll li fid-29 ta’ Frar, 2016 regghet iffirmat kuntratt iehor ghal perjodu ta’ sentejn li kien b’sehh mid-data msemmija hawn fuq.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li l-impieg taghha gie terminat minghajr ebda raguni valida u tajba skond il-ligi u tissottometti li hi dejjem qdiet id-dmirijiet kollha taghha fedelment u b'success, tant li fis-snin 2014 u 2015 giet ippremjata bhala wahda mill-aqwa ghaxar agenti fi hdan in-network globali ta' Engel & Volkers Sara Grech u fl-2016 giet moghtija promozzjoni.**

**Fl'istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll li fis-7 ta' Novembru, 2016 l-impieg taghha gie terminat habta u sabta u dan minghajr ma giet moghtija l-ebda raguni. Hija tghid ukoll, li t-terminazzjoni giet moghtija verbalment u giet infurmatha biex titlaq mill-ufficcju u wara din it-terminazzjoni giet ikkonfermata bil-miktub permezz ta' ittra mibghuta mill-avukat Marc Agius Fernandez ghan-nom tas-socjeta ntimata.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll li fit-8 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-avukat taghha kitbet lis-socjeta u fil-waqt li ssottomettiet li t-terminazzjoni kienet abbuziva, talbet ghal hlasijiet kollha dovuti skond il-kuntratt u liema dikjarazzjoni qed tigi pprezentata u mmarkata bhala Doc C. Hija tghid ukoll, li b'risposta ghal dan irceviet minghand is-socjeta ntimata peremzz ta' ittra datata 21 ta' Novembru, 2016 fejn giet infurmata li ma kellhiex hlasijiet dovuti lilha.**

**Fl-istqarrija taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li huwa car li min ihaddem ma jistghax jinheba wara strategemmi jew kuntratti artificjali biex jevita l-obbligi tieghu f'dak li jirrigwardja l-impjegati tieghu u ghalhekk il-kumpanija ntimata ma tistghax tistrih fuq il-klawsoli tal-kuntratt premess inkwantu li dawn jiddipartixxu mill-protezzjoni minima li ghaliha huwa ntitolat il-haddiem. Hija tghid ukoll, li din id-dikjarazzjoni qeghda ssir ai termini tal-Artiklu 75 tal-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn talbet lit-Tribunal Industrijali, li jiddeciedi li hija giet imkeccija ngustament u li jiffissa kumpens skond il-ligi ghat-terminazzjoni ngusta ta' l-impieg taghha u liema kumpens ghandu jinkludi l-kummissjonijiet u hlasijiet kollha li huma dovuti lilha.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li preliminarjament dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux il-kompetenza ratione materiae peress illi r-rikorrent ma kienitx impjegata mas-socjeta ntimata izda kienet a bazi ta' self-employed.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li l-kuntratt li r-rikorrent kellha mas-socjeta ntimata ma kienx wiehed ta' impjieg izda kif**

**espressament stipulat fil-premessi ta' tali kuntratt, ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet tirrigwardja biss dak ghal servizzi ghall-terminu fiss.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li fl-operat tax-xoghol ta' real estate agent, l-agent illi jkun affiljat u li jkollu kuntratt ghall-servizz ma Estate Agency, jigi moghti access ghall-database li jikkontjeni nformazzjoni dwar dak kollu marbut mal-propjeta tal-istess Estate Agency u permezz ta' din l-ghodda huwa jkun jista jezegwixxi xogholu b'modd effettiv. Hija tghid ukoll, li naturalment tali agent ma jistax jigi ngaggat minn agenziji ohra ghall-istess skop, altrimenti kif tiddetta r-raguni tinfetah il-possibilita ta' pregudizzju kbir lill interessi tal-Agenzija.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent kienet ingaggata ghal skop specifiku u huwa tassew skoncernanti fuq liema kriterji r-rikorrent qeghdha tibbaza l-pretenzjonijiet fittizji taghha. Is-socjeta tghid ukoll, li kif sejjer jirrizulta mill-provi li sejrin jingiebu quddiem dan it-Tribunal, hija kienet thallas il-bolla tas-Sigura Socjali bhala self-employed, registrata hekk mal-Employment and Training Corporation (ETC) u sopra di piu kienet thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) fuq ir-remunerazzjoni taghha. Is-Socjeta tghid ukoll, li noltre il-hlasijiet kienu jsiru lir-rikorrent gross, minghajr ebda hlas ta' bonuses inkluzi dawk tal-Gvern gladarba dawn ma kinux dovuti.**

**Fl'istqarrija taghha s-Socjeta tghid ukoll, li oltre dan huwa ndikattiv li l-ftehim jistipula d-dritt ta' entrambi l-partijiet illi f'kull zmien jitterminaw l-obbligazzjonijiet taghhom versu xulxin.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li tabilhaq dan il-kuntratt minkejja l-insinwazzjonijiet tar-rikorrent fl'essenza u spirtu tieghu, ma jinkludix dawk il-kundizzjonijiet bazici li huma attribwibbli ghall-impjieg regolari bhal ma huma l-granet koncessi lill-impjegat ghal sick leave u leave regolari jew half-pay, kif ukoll ghall-fatt li m'hemm l-ebda rabta ta' sighat tax-xoghol.**

**Is-socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz, li r-rikorrent fir-rikors promotur tghid li fis-sena 2016, hija nghatat xi forma ta' promozzjoni hija falsita intiera. Is-socjeta tghid ukoll, li l-istatus tar-rikorrent u relazzjoni taghha mas-socjeta ntimata, huwa wkoll fuq kollox accennat fi klawsola numru 12.1 tal-kuntratt.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrent fil-maggor parti hadmet volontarjament skond il-pariri tas-socjeta ntimata, ghas-semplici raguni li minghajr din il-gwida u ghajnuna kostanti moghtija lillha in bona gratia, ir-rikorrent ma kienx ikollha l-gharfien prattiku bhala barranija, ta' kif tezegwixxi dan ix-xoghol gewwa Malta. Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent dejjem accettat u hadnet parir is-**

**socjeta ntimata sabiex permezz ta' din ir-relazzjoni kuntrattwali setghet taghmel ghejxien xieraq.**

**Is-Socjeta tkompli tghid, li minghajr pregudizzju ghal dak suespost, u ghal kull buon fini, ir-relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrent u s-socjeta ntimata gie terminat b'mod immedjat u effettiv ghaliex is-socjeta ntimata giet a konoxxjenza tal-fatt, illi r-rikorrent ma ezegwitx l-attivitajiet u obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt surreferit bil-livell ta' diligenza u komportament professjonali rikwezit minn kull persuna li topera f'dan in-negozju.**

**Is-Socjeta tkompli tghid, li oltre minn hekk, ir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u s-socjeta ntimata ntemmet hesrem u konklussivament wara li fuq diversi okkazzjonijiet u l-imgieba u l-attegjament tar-rikorrent kien wiehed ta' xkiel li kienet tohloq grad ta' attrit fuq il-post tax-xoghol tant hu hekk, illi bi sfida r-rikorrent zammet hwejjeg ta' natura sensittiva u propjeta ohra appartenenti lis-socjeta ntimata li nonostante diversi nterpellazzjonijiet baqghu mizmuma abuzivament u minghajr ebda dritt fil-Ligi tant, illi s-socjeta kienet kostretta taghmel rapport mal-puluzija.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li kif premess s-socjeta ntimata u accettat mir-rikorrent skond kawsola numru 3.3 tal-**

**kuntratt, l-access moghti lir-rikorrent ghall-facilitajiet u platforms teknologici setgha jigi revokat u rtirat mis-socjeta fid-diskrezzjoni esklussiva taghha u minghajr il-bzonn li taghti avviz jew raguni valida.**

**Ghaldaqstant, is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn talbet li dan it-Tribunal Industrijali jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Fl'ewwel seduta tat-Tribunal Industrijali, is-socjeta resqet eccezzjoni preliminari fejn qalet, li dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux il-kompitenza li jittratta dan il-kaz peress, li l-kuntratt bejn is-socjeta u r-rikorrent kien wiehed ta' self-employed u mhux ta' mpieg u ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz.**

**Minn naha ta' l-assistenza legali tar-rikorrent intqal, li minkejja li l-kuntratt bejn il-partijiet jissejjah "sub-agency agreement" effettivament ir-relazzjoni li nholqot bejn il-partijiet kienet ta' impjieg.**

**Wara li dan it-Tribunal Industrijlai semgha l-partijiet iddecieda, li jibda biex jisma l-provi dwar l-eccezzjoni preliminari u biex jigi determinat ir-**

**relezzjoni tax-xoghol bejn il-partijiet kienitx ta' impieg jew jekk rikorrent kienitx self-employed.**

**Mill-provi jirrizulta, li bejn is-Socjeta Sara Grech Limited (C 7360) u r-rikorrenti kien hemm zewg kuntratti, l-ewwel wiehed sar fl'4 ta' Settembru, 2013 u t-tieni kuntratt sar b'sehh mid-29 ta' Frar, 2016 u kien ghal perjodu ta' sentejn.**

**Fil-kuntratt imsemmi, s-socjeta Sara Grech Limited (C 7360) qed tigi msejjha l-Agent u r-rikorrent qed issir riferenza ghalija bhal sub-agent. Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-socjeta tterminat il-kuntratt tar-rikorrenti fis-7 ta' Novembru, 2016.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond klawsola 10.2 tal-kuntratt kien hemm zmien ta' prova ta' sitt xhur. Din il-klawsola tghid " It is understood and agreed that the first six (6) months from the Effective Date shall constitute a probationary period during which period the Agent may, in its absolute discretion, terminate this Agreement for any reason without notice or cause".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll,  li skond il-kuntratt l'status tar-rikorrent kien imnizzel bhala self-employed u klawsola 12.1 tal-kuntratt tghid "As a**

**self-employed person the Sub-Agent undertakes to provide the Agent with evidence that he is operating in full compliance with all applicable laws. In particular, the Sub-Agent shall produce each January, throughout the Term, a certificate stating that the Sub-Agent is duly registered with the VAT Department, together with a certificate from the tax authorities stating that the Sub-Agent is in order and up to date with his tax obligations. For the same reasons, the Sub-Agent shall produce evidence to the Agent of the Sub-Agent social security contributions on the commissions received by him".**

**It-Tribunal Industrijali mill-provi jinnota wkoll, li l-grad ta' sub-agent gieli jigi msejjah Estate Agent jew Property Consultant. Ghaldaqstant, dawn huma l-istess ghalkemm jissejjhu b'titli differenti.**

**Matul il-provi, invista biex jigi determinat jekk l'status tar-rikorrent kienx ta' mpjegat jew ta' self-employed, it-Tribunal Industrijali ezamina l-Legislazzjoni sussidjarja 452.108, Standard Nazzjonali Dwar L-Istatus tal-Impjiegi datata 31 ta' Jannar, 2012 l-Avviz Legali 44 kif emendat b'avviz legali 364 tal-2012 fejn artiklu 3 jghid " ghandu jitqies li hemm relazzjoni ta' impjieg u li l-persuna ghal min is-servizz qed ikun provdut hija l-principal u illi d-dispozizzjonijiet tal-Att u tar-regolamenti jew ordni mahruga tahtu japplikaw ghal dik ir-relazzjoni jekk minn tal-inqas hamsa mill-kriterji li gejjin jigu sodisfatti rigward il-persuna li qed tghamel ix-xoghol".**

**Rigward dan l-aspett tal-ligi l-partijiet ipprezentaw dikjarazzjonijiet bil-miktub u dawn gew kkonfermati permezz ta' diversi xhieda.**

**Fil-Legislazzjoni sussidjarja msemmija, l-ewwel kriterju li tirreferi ghalih il-ligi jghid;** ***"(a) Hija tiddependi minn persuna wahda ghal min is-servizz qed jigi provdut mill-inqas 75% tad-dhul f'perjodu ta' sena".*** **Rigward dan il-kriterju ir-rikorrenti tghid, li hija kellha biss xoghol wiehed u dhul wiehed ta' flus u dan kien biss gej mis-Socjeta Sara Grech Limited. Dan gie kkonfermat mix-xhieda tas-sur John Micallef li hu raprezzentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2017.**

**Rigward dan il-kriterju s-socjeta tghid, li huwa mpossibbli li hija tkun taf x'kien l-introjtu tar-rikorrent. Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti kellha kull dritt li taghmel kull xoghol li riedet, basta li din ma kienitx ma socjeta li tahdem f'kompetizzjoni mas-socjeta Sara Grech Limited.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti setghet ghamlet xoghol iehor u jekk hija ghazlet li ma taghmilx din kienet ghazla taghha u ma kienitx kundizzjoni mposta mis-socjeta.**

**It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll it-tieni kriterju tal-Legislazzjoni sussidjara li jghid "*(b) hija tiddependi fuq il-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut biex jigi stabbilit liema xoghol irid isir u fejn u kif ix-xoghol li gie assenjat irid jitwettaq".* Rigward dan il-kriterju s-socjeta tghid, li r-rikorrenti kienet libera li taghmel ix-xoghol li riedet taghmel bil-mod li ghazlet hi, u kull ma kellha kienu guidelines ta' dak li kien rikjest minn persuna li tkun b'xi mod assocjata u titkellem ma klijenti bhala rapprezentanta tas-socjeta ntimata.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent fil-fatt qatt ma giet assenjata ebda xoghol u hadmet kemm u meta riedet u dan jekk riedet setghet tghamlu kemm mid-dar jew mill-postijiet provduti lill-agenti u l-modd kif tghamlu kien affari taghha u ma kien hemm l-ebda impozizzjoni.**

**Minn naha tar-rikorrenti tghid, li kienet tghaqdi dawk il-funzjonijiet li kienu jigu ndikata lillha mill-kumpanija u ftit li xejn kellha diskrezzjoni dwar liema xoghol taghmel, fejn taghmlu u liema xoghol kien jigi assenjat lillha.**

**Hija tghamel ukoll riferenza ghal kuntratt bejn il-partijiet datat 29 ta' Frar, 2016 fejn l-introduzzjoni tal-kuntratt hemm specifikat li "Agent is at its own cost providing the sub-agent with the use of the space, facilities, equipment and marketing ( ) of the Market Centre and the**

**Lounges ( ) for the sole and exclusive purpose of residential and commercial property sales …..**

**Hija tghid ukoll, li x-xoghol kien jigi allokat lilha u tghamel riferenza ghal imsemmi kuntratt klawsola 1.2 liema klawsola tiddiskrivi li hija kellha twettaq ix-xoghol fi "specific geographical area of activity". Hija tghamel riferenza wkoll, ghal klawsola 2.3 tal-kuntratt li tghid "The services to be provided by the Sub-Agent shall depend on the specific terms and conditions of each Client's mandate to the Agent and shall be specified by the Agent to the Sub-Agent".**

**Waqt il-provi taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li sa meta bdiet tahdem mas-socjeta hija kienet giet imqeghda f'team li kien immexxi min Team Leader. Hija tghid ukoll, li kellha laqghat li kienu jsiru kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha.**

**Dwar il-laqgha li ssir nhar ta' Tnejn ir-rikorrenti tghid, li kienet tigi moghtija diversi kompiti u nfurmata dwar l-ghanijiet ghal dik il-gimgha. Dwar il-laqgha ta' nhar ta' Gimgha r-rikorrenti tghid, li f'din il-laqgha kien ikun hemm prezentazzjoni f'forma ta' powerpoint fejn kienet tigi murija l-prestazzjoni ta' kull sub-agent ghal dik il-gimgha.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li kienet tircievi telefonati mhux biss minghand it-Team leader, izda wkoll minghand Benjamin**

**Grech u Sara Grech fejn kienet tigi mitluba biex tiffoka fuq dawk il-klijenti li kienu gew mghoddija lilha. Ir-rikorrenti tghamel ukoll riferenza ghal kuntratt imsemmi ta' bejniethom fejn klawsola 15.1 tghid "the Agent and/or the Franchiser may monitor and check the Sub-Agent e-mails as and when deemed necessary at their sole discretion".**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li kien mistenni minnha li takkwista kemm jista' jkun propjetajiet biex iggieb klijenti godda, taggorna d-database tas-socjeta, taqsam dawn l-aggornamenti godda mas-sub-agents ohra fil-kumpanija u tpoggi l-propjeta fuq is-suq kif ukoll, kien mistenni minnha li tirraporta lura lit-Team Leader, lil Benjamin Grech u/jew lil Sara Grech.**

**Fir-rigward ta' dan il-kriterju tal-ligi ir-rikorrenti tghid ukoll, li l-ftehim bejnha u l-kumpanija jghamel riferenza wkoll ghall l-access li hija kellha bhala sub-agents li kienu jigu pprovduti mill-agenzija u hija kienet mhegga li tuza dawn il-facilitajiet li jinkludu fost ohrajn ghall-informazzjoni dwar is-suq tal-propjeta, informazzjoni generali u materjal fuq ir-riklamar bl-istruzzjonijiet dwar kif tistgha tattira l-klijenti.**

**Fil-provi taghha r-rikorrent tirreferi wkoll ghal korsijiet li kienet tghamel il-kumpanija u kien rikjest li tattendi ghalihom u dwar dan tghamel riferenza ghal diversi klawsoli tal-kuntratt imsemmi fejn;**

**Klawsola 9.2 tghid " If the Sub-Agent is unable to attend any training courses, workshops and/or seminars, notice of cancellation shall be provided to the Agent without undue delay. The Sub-Agent shall be excused from attending only if the reason of notice is deemed reasonable or of proper cause by the Agent".**

**Klawsola 9.3 tghid " Should the Sub-Agent not attend any scheduled training courses, workshops and/or seminars..... the Sub-Agent shall compensate the Agent in money for the costs incurred in proportion of his training".**

**Ir-rikorrenti taghmel riferenza wkoll li kienet tircievi guidelines "Agent's Guide" minghand ic-CEO tal-kumpanija, li dan kien dokument ppreparat ghas-sub agents sabiex ikollhom idea ahjar tax-xoghol u l-ambjent li jistgha jsibu ruhhom waqt ix-xoghol.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li mill-provi jirrizulta, li skond klawsola 11.2 tal-kuntratt bejn il-partijiet tghid "Upon termination of this Agreement, the Sub-Agent shall provide a proper handover to the person/s taking over his Farming Area, search clients, sellers and**

**landords. Any and all information in possession of the Sub-Agent and relating to his/her Farming Area search clients, sellers and landords shall be passed on to such person/s"**

**Rigward kriterju (C) tal-ligi li jghid *"hija taghmel ix-xoghol permezz ta' makkinarju, ghodda u materjali provduti mill-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut"***

**Mill-provi jirrizulta, li skond l-artiklu fl'ewwel faccata tal-kuntratt bejn il-partijiet datat 29 ta' Frar, 2016 jghid " Wheras the Agent at its own cost providing the Sub-Agent with the use of the space, facilities, equipment and marketing (hereinafter the "FACILITIES") of the Market Centre and the Lounges (hereinafter the "Premises") for the sole and exclusive purpose of residential and commercial property sales, rentals or leases as the case may be exclusively under and for the benefit of the Co-Brand (hereinafter the "Business").**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond il-kuntratt klawsola 3.1 jghid "The Agent shall at its own cost make available to the Sub-Agent the Agent's technological platform. The Sub-Agent undertakes to make full use of the following facilities" u l-l-kuntratt jelenka numru ta' facilitatijiet li s-socjeta qed tipprovdi ghad-dispozizzjoni tar-rikorrent, fosthom l-ispazju ta' l-ufficcju minn fejn tahdem, mobile phones, IT equipment, laptop computer u s-servizzi tal-print shop.**

**Waqt il-provi r-rikorrenti tghid ukoll, li originarjament is-socjeta pprovditielha karozza tal-kumpanija biex hija tuzaha matul il-gurnata bejn it-tmienja (8) ta' fil-ghodu u t-tmienja (8) ta' fil-ghaxija u dwar dan kellha thalli depozitu. Hija tkompli tghid, li l-iskop tal-karozza kien biex ikollha mezz tat-trasport biex turi l-propjetajiet lill-klijenti li jkunu registrati fuq is-sit elettroniku tal-kumpanija. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li wara is-sena 2015, kien hemm bidla fl'arrangament tal-karozza fejn biex tghamel uza minnha kellha thallas somma ta' madwar tlett mitt ewro.**

**Ir-r-rikorrenti tkompli tghid, li kien permezz tal-makkinarju, ghodda u materjali pprovduti lilha mill-kumpanija li setghet twettaq xoghlha bhala sub-agent.**

**Matul il-provi t-Tribunal Industrijali ezamina kriterju (d) li jghid *"Hija tkun soggetta ghal skeda ta' hin tax-xoghol jew ghal perjodi ta' hin minimu ta' xoghol stabbilit mill-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut"* Dwar dan il-kriterju s-socjeta tghid, li huwa fatt mhux ikkontestat illi l-appellanta ma kelliex hinijiet jew granet tax-xoghol. Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti qatt ma kellha tidhol ghax-xoghol f'certu hin jew titlob il-leave.**

**Is-socjeta tghid ukoll, illi jekk wiehed ihares lejn il-kuntratt li kien jirregola l-ftehim li kellhom il-partijiet, kif ukoll il-prattika dejjem giet segwita minnhom, huwa car illi ma kien hemm l-ebda wahda mill-kundizzjonijiet li huma attribwiti ma mpjieg regolari fosthom ghoxrin gurnata leave fis-sena, 20 gurnata sick leave u ohra half-pay, fatt illi l-appellanta uzat a beneficcju taghha tul il-perjodu li fih hija kienet sub-agent. Fix-xhieda taghha Sara Grech tghid ukoll "li jekk iridu jiehdu 50 days a year jistghu jiehdu mhux problema".**

**Min naha tar-rikorrent fid-dikjarazzjoni taghha tghid, li s-socjeta kienet tezigi li hija tmur l-ufficcju kuljum mit-Tnejn sas-Sibt u xi drabi wkoll fil-Hdud. Hija tghid ukoll, li kultant kienet tigi mitluba biex sservi ta' concierge fil-hwienet minflok impjegat iehor.**

**Ir-rikorrenti tkompli tghid, li meta ma kienitx tkun l-ufficcju ghax tkun barra qed turi xi propjetajiet lil xi klijenti kienet tircievi telefonata minghand is-socjeta li kienet titlob spjegazzjoni.**

**Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li Sara Grech kienet il-hin kollu ticcekkja biex tara x'kienet qed taghmel u fejn kienet tkun ezatt. Dwar il-kwistjoni tal-leave r-rikorrenti tghid "We have to send an e-mail to ask permission for leave and recently the HR send a form that now every agent who wants to go on leave or who are sick has to fill this**

**form and send it to the HR". Ir-rikorrenti tghid ukoll, li huwa car li ma kienitx libera li taghmel dak li riedet, izda kellha taghmel prezenza l-ufficcju ghal certu hin fil-gurnata u kwazi kull gurnata fil-gimgha.**

**Kriterju *(e) jghid "hija ma tistax taghmel sub-contracting tax-xoghol taghha lil individwi ohra floku meta jitwettax ix-xoghol"* Dwar dan il-punt ir-rikorrenti tghamel riferenza ghal-kuntratt li kien hemm ma Sara Grech Limited datat 29 ta' Frar, 2016 li permezz ta' dan il-kuntratt is-sub-contracting ma kienx possibbli li jsir minhabba l-klawsoli marbutin ta' kunfidenzjalita u ohrajn in "restraint".**

**Ir-rikorrenti tghamel ukoll riferenza ghal klawsola 13.1 "The Sub-Agenet hereby undertakes to safeguard and keep confidential all information and material made available to him by the Agent in any form or manner….This obligation extends to all confidential information of which the Sub-Agent becomes aware through his activities under this Agreement, including but not limited to all of the Client's properties"**

**Ir-rikorrenti tirreferi wkoll ghal klawsola 13.3 ta' l-imsemmi kuntratt "applicable to all information and material that the Sub-Agent has received from any and all third parties". Ma dan, ir-rikorrenti tghamel ukoll riferenza ghal l-istess kuntratt klawsola 14.1 li jghid "The Sub-**

**Agent undertakes and binds himself not to be connected with or engaged in any way in a business in Malta and Gozo which is the same or similar as…during the term of this agreement". Ghaldaqstant, ir-rikorrenti ssostni, li hija ma kellha ebda jedd li tghaddi xoghol lill-haddiehor.**

**Min naha tas-socjeta tghid, li ma kienet tezisti l-ebda projbizzjoni u kull sub-agent huwa liberu li jqabbad lil terzi sabiex jagixxu minfloku jew mieghu kif fil-fatt jghamlu bosta sub-agents. Is-socjeta tghid ukoll, li basta sub-agents jahdmu fi gruppi li jaghzlu huma u mbghad jiddeciedu huma kif jaqsmu l-commission.**

**Rigward kriterju (f) tal-ligi dan jghid *"hija persuna integrata fl-istruttura tal-process ta' produzzjoni, l-organizzazzjoni ta' xoghol jew il-gerarkija tal-kumpanija jew ta' organizzazzjoni".* Is-socjeta tghid, li kull sub-agent minn natura tax-xoghol stess ma jistax jitqies bhala parti ntegrali tal-process ta' produzzjoni u wisq inqas parti mill-gerarkija tal-agenzija u dan peress, illi hija l-istess agenzija, li tattira l-klijenti u tapprova d-database ta' propjetajiet li huma ghall-bejgh f'isimha.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li s-Sub-agents juzaw din l-informazzjoni biex huma bhala entrepreneurs jaghmlu negozju, minghajr ma huma jsiru parti ntegrali fil-process ta' produzzjoni.**

**Għan-naħa tar-rikorrent jingħad, li ma kien hemmx dubju li x-xogħol tagħha kien integrat fl-istruttura tal-process ta' produzzjoni u tifforma parti mill-gerarkija tal-kumpanija. Ir-rikorrenti tgħid ukoll, li l-produzzjoni tal-kumpanija tiddependi fuq il-bejgħ u sub-agents kienu jintermedjaw. Ma dan ir-rikorrenti tgħid ukoll, li kienet tintuża f'dipatimenti differenti skond il-bżonn u li kienet ukoll tikkwalifika għal promotions minn żmien għal żmien.**

**Ir-rikorrenti tkompli tgħid, li kienet tidher fuq il-website tal-kumpanija bħala agent tal-kumpanija u li isimha kien imniżżel fil-lista ta' dawk li kienu jaħdmu mal-kumpanija taħt it-Tab immarkata Our Team.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali ġie pprezentat dokument immarkat PBI fejn minn naħa tar-rikorrenti tgħid, li minn dan id-dokument jirriżulta il-gerakija fi ħdan il-kumpanija li kienet tikkonsisti fid-Direttur, iċ-CEO, Marketing Manager, Photographer, Legal Assistant u l-Agents, għalhekk dan juri li x-xogħol tar-rikorrenti kien parti mill-gerarkija tal-kumpanija u hi kellha tirrispondi lejn it-Team Leader, Benjamin Grech u lejn Sara Grech.**

**Ir-rikorrenti tagħmel ukoll riferenza biex turi li kienet integrata fil-kumpanija u tirreferi għal klawsola 9.1 tal-kuntratt bejn il-partijiet li jgħid "The Sub-Agent shall attend any training courses, workshops**

**and/or seminars at the cost and discretion of the Agent". Hija tghid ukoll, li jekk ma setghatx tattendi dawn il-korsijiet hija kienet tkun obbligata li tikkumpensa lis-socjeta kif tghid klawsola 9.3 "Should the Sub-Agent not attend any scheduled training courses, workshops and/or seminars without giving prior notice in accordance with clause 9.2 or for any reason not deemed reasonable or of proper cause by the Agent such as the termination of this Agreement prior to the scheduled training courses, workshops and/or seminars, the Sub-Agent shall compensate the Agent in money for the costs incurred in proportion of this training". Dwar dan ir-rikorrenti tghid, li normalment klawsola ta din ix-xorta tkun biss f'kuntratti ta' impjieg. Hija tghid ukoll, li meta jitqabbad kuntrattur indipendenti huma normalment fakolattiv li dak il-kuntrattur jaghmel xi training partikolari.**

**Rigward kriterju (g) tal-ligi imsemmija li jghid *"l-attivita tal-persuna hija element centrali fl-organizzazzjoni u t-twettiq tal-ghanijiet tal-persuna ghal min is-servizz qed jigi provdut"* Minn naha tar-rikorrent jinghad li l-pozizzjoni hi, il-funzjoni ta' introduzzjoni u ntermedjazzjoni (fost affarijiet ohra) huma funzjonijet centrali u essenzjali ghall-ghanijiet tal-kumpanija. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li l-funzjonijiet li kellha huma kollha funzjonijiet centrali fl-organizazzjoni u fit-twettiq tal-ghanijiet ta' Sarah Grech Limited. Hija tghid ukoll, li ghandu jkun ovvju li agenzija ta' Real Estate ma tistghax tahdem minghajr estate agents u ghalhekk huwa car li l-agenzija ma tistghax tiffunzjona bhali tali minghajr ma jkollha fi hdanha min joffri s-servizz ta' estate agent.**

**Matul il-provi gie enfazizzat, li r-rikorrenti dejjem qdiet id-dmirijiet kollha taghha u hadmet bis-shih ghas-success tal-kumpanija. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti rebhet il-premju darbtejn wara xulxin ghas-sena 2014 u s-sena 2015 bhala wahda mill-aqwa ghaxar agenti fi hdan in-network globali ta' Engel & Volkers Sara Grech.**

**Fil-provi taghha r-rikorrenti tghid ukoll, li fis-sena 2016 giet promossa mid-Dipartiment tal-kiri ghall-Dipartiment fl-ufficcju stess. Hija tkompli tghid, fil-laqgha li kienet tkun organizzata fi tmiem il-Gimgha hija kienet dejjem tkun ikklassifikata bhala wahda mill-aqwa sub-agents ta' Sara Grech Limitied. Ir-rikorrenti tkompli tghid, li kienet dejjem tkun minn ta' quddiem ghal konkors tal-agenti u li minbarra min dan il-punt hija tghid ukoll ta' min isemmi, li r-rwol u x-xoghol ta' sub-agent kien krucjali ghall-agenzija peress li minghajr agenti s-socjeta ma tistax tahdem, jigifieri ma tkunx Agenzija fl-ewwel lok.**

**Fil-provediment tal-ligi msemmija kriterju (h) jghid *"hija taghmel xogholijiet simili tal-impjegati ezistenti jew, fil-kaz ta' meta x-xoghol jigi outsourced, hija taghmel xogholijiet simili ghal dawk li kienu jkunu mwettqa qabel minn impjegati".* Rigward dan l-artiklu s-socjeta tghid, li hemm differenza kbira bejn il-ftit agenti li huma mpjegati u dawk li huma sub-agents, kif kienet l-appellanta.**

**Fix-xhieda tas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2017 pagna 4, Sara Grech tghid "Il-bazici huma l-ewwel nett ghandek il-paga, it-tieni nett ghandek commission hafna anqas, ghandek is-sighat li trid tahdem u a sub-agent m'ghandux sighat, dawn ghandhom fixed leave fis-sena, sub-agent m'ghandhomx jigifieri jekk iridu jiehdu 50 days a year jistghu jiehdu mhux problema.....Ta' l-agenti li huma mpjegati ovvjament inhallsu ahna l-kumpanija l-NI, sub-agents ahna nhallsu l-VAT jekk ovvjament exempt m'hemmx VAT u jiehu hsieb it-taxxa tieghu".**

**Is-socjeta tghid ukoll, illi ma hemmx agenti mpjegati li jaghmlu xoghol ta' kiri ta' propjeta u lanqas dawk li jaghmlu xoghol f'propjetajiet kummercjali kif kienet tahdem l-appellanta, illi ghalhekk effettivament ix-xoghol li hija ghamlet mas-socjeta qatt ma sar jew isir minn persuni li huma mpjegati izda dejjem sar minn sub-agents kif kienet ir-rikorrenti.**

**Waqt il-provi s-socjeta ghamlet referenza ghal dak li ntqal minn Tribunal kif divesarment presedut fis-sentenza 3029/CCG fil-kwistjoni bejn Albert Falzon u Melita Mobile Limited li "It-Tribunal jirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet li huma uzati fil-guriprudenza Ingliza sabiex jigi determinat l-istatus tal-impjegat. Il-legislatur Malti pero mar pass oltre minn dak Ingliz u ddecieda li dawn it-8 kunsiderazzjonijiet**

**jikkonfijikom pero huwa ghaqli li ssir referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti Ingliza fil-kaz Hall (Inspector of Taxes) v Lorimer (1994) IRLR 171 "The whole picture has to be painted and then viewed from a distance to reach an informal qualitative decision on the circumstances of the particular case" Is-socjeta tghid ukoll, li t-Tribunal hass li din hija kunsiderazzjoni mportanti ghaliex ghallkemm il-legislazzjoni Maltija taghti lista ta' tmien kriterji, kull parti tista targumenta li kriterju huwa sodisfatt jew le, hekk kif fil-fatt gara fil-kaz odjern.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li fil-verita jekk wiehed ihares lejn il-fatturi relevanti kif kwotati f'Selwyn's Law of Employment (2006) pg 43 u cio "the power of selection, the payment of wages, national insurance stamps, income tax, holiday monies and pensions" ghandu jirrizulta b'mod car illi l-appellanti ma kienitx impjegata u l-ftehim bejn il-partijiet kien effettivament kuntratt ghax-xoghol u mhux kuntratt tax-xoghol u dan specjalment meta wiehed ihares lejn "the essence of the arrangement rather than the form, which is the determinant factor "(Tyne and Clyde Warehouses Ltd vs Hameton – op cif. Pg 44).**

**Is-socjeta tghid ukoll, li l-agenti (sub-agents) kollha go Malta jahdmu permezz ta' sub-agents illi huma fattwalment u legalment self-employed u dan gie anki kkonfermat mid-DIER illi kkonferma li estate agents ma jissodisfawx il-kriterji elenkat fil-ligi u dan kif diga gie ppruvat.**

**Matul il-provi jirrizulta li fis-seduta ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Novembru, 2017 l-Avukat David Zahra ghan-nom tas-socjeta pprezenta bhala Dok P.6, applikazzjoni mis-socjeta ntimata ghad-derogazzjoni mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg skond l-Avviz Legali 44 ta' 2012 Standard Nazzjonali Dwar l-Istatus tal-Impjieg, Mmobiljari li jahdmu mas-socjeta ntimata li saret lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali datata 17 ta' Lulju, 2012 u din l-applikazzjoni giet accettata fid-19 ta' Settembru, 2012.**

**Fid-dikjarazzjoni li ghamlet is-socjeta ntimata lid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi qalet, li r-ragunijiet tat-talba ghad-derogazzjoni huma s-segwenti: "Property negotiators are by the very nature of their role and of their entirely variable remuneration structure they are in fact commonly referred to as 'consultants' free to determine how much effort they put in and how much remuneration they earn. They are VAT registered and are entirely free to change their relationship from one day to another without notice. They are not, and they undoubtedly do not want to be in the 'employment situation the legislation in question intended to /…/ create'.**

**Mill-istess dokumentazzjoni jirrizulta, li l-kumpanija esebit lista bl'ismijiet ta' Estate Agents, pero fil-fatt dawn huma sub-agents u**

**liema lista li giet pprezentata lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi ma kienitx tinkludi lir-rikorrenti u mill-istess provi jirrizulta li qatt ma saret applikazzjoni lid-Dipartiment biex ir-rikorrenti tigi kkunsidrata bhala self-employed.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li skond id-dokumenti prezentati mis-Sur Joe Saliba raprezzentant tal-Jobs Plus fis-seduta tas-27 ta' April, 2017 jindika li matul iz-zmien li r-rikorrenti kienet tahdem mas-socjeta ntimata kien hemm agenti tal-propjeta li kienu mpjegati full-time mal-Kumpanija Sara Grech Limited.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar l-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa kif hafna drabi ssir d-distinzjoni bejn haddiem li huwa mpjegat u iehor li hu self-employed.**

**It-Tribunal Industrijali josserva, li hafna drabi d-distinzjoni dwar l-status jekk persuna hijix mpjegata jew self-employed issir min dawn l-aspetti; li jekk il-persuna jkollha paga/salarju, thallas in-National Insurance, tkun intitolata ghal leave, sick leave, injury leave, tkun intitolata ghal hlasijiet tal-festi pubblici minghajr ma tahdem fihom u jekk tahdem fihom tkun intitolata ghal kumpens, ma dan ghal min qed tahdem is-sid ikun ukoll obbligat bil-ligi li jkopri lill mpjegat b'polza tas-sigurta kif ukoll, li ma jkunx hemm htiega li l-impjegat jirregistra ghal**

**VAT. Persuna li tahdem taht dawn il-kundizzjonijiet tkun ikkunsidrata bhala mpjegat.**

**B'kuntrast u kuntrarju ma dan li qed jigi msemmi, meta persuna tkun qed tkopri hi l-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq bhal; ma jkollix paga/salarju u tirregistra ghal VAT, thallas il-Kontribuzzjoni tas-Sigurta Nazzjonali, ma tkunx intitolata ghal leave, sick leave u injury leave din il-persuna tkun kkunsidrata bhala self-employed.**

**Ghalkemm it-Tribunal Industrijali japprezza li l-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq jghatu ndikazzjoni ta' l-istatus tal-haddiem pero, it-Tribunal Industrijali ma jistax jistrieh biss fuq il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq u dan ghar-raguni, li peress fil-passat kien hemm xi employers li sabiex jevitaw milli jhallsu n-National Insurance, ikopru l-ispejjez tal-leave li jkun intitolat il-haddiem kif ukoll, jevitaw li jhallsu s-sick leave, injury leave, hlasijiet tal-festi pubblici u biex jevitaw li jhallsu spejjez ohra bhal polza tas-sigurta skond il-ligi u li jhallsu biss meta l-haddiem ikun wettaq ix-xoghol skond il-prezz miftiehem minn qabel u jevitaw hlasijiet ta' l-overtime ma dan, f'kaz ta' sensja s-sidien ma jkunux obbligati li jimxu skond il-ligi u biex min ikun qed ihaddem b'dan il-modd ikollu kontroll shih fuq l-imgieba tal-haddiem peress li ma l'icken nuqqas jitterminawh minghajr ma jghaddi process ta' dixxipplina, ghal dawn ir-ragunijiet fost ohrajn kien hemm xi sidien li**

**kienu jingaggaw lill haddiem bhala self-employed minflok bhala mpjegat.**

**Kien matul dan iz-zmien circa qabel 2011, li l-istatistika ta' l-impjiegi kienet qed timmarka li kien qed jizdied b'rata gholja x-xoghol ta' self-employed. Fil-bidu l-istatistika bdiet tigi nterpretata, li tant kien hawn ekonomija tajba u qed tizviluppa b'rata mghaggla li dan kien qed jirrifletti b'zieda konsiderevoli fin-numru ta' self-employed. Imma meta saret analazi tas-sitwazzjoni u ta' l-istatistika ta' l-impjiegi beda jirrizulta, li n-numru ta' self-employed beda jikber ghax il-haddiem beda jigi ggwidad minn xi sidien, li biex jghati x-xoghol lill-haddiem dan kellu jirregistra bhala self-employed. Dan kien isir biex kif diga gie spjegat hawn fuq dawn is-sidien jevitaw l-obligi legali lejn il-haddiem.**

**Kienet ghal din ir-raguni biex jigi evitat dan l-abbuz minn xi sidien li fl'2012, giet introdotta l-Legislazzjoni sussidjara 452.108 ta' Standard Nazzjonali Dwar l-istatus tal-Impjieg permezz ta' L-Avvzi Legali 44 tal-2012 kif emendat bl'Avviz Legali 364 tal-2012 datat 31 ta' Jannar, 2012, liema Ligi stabbilit tmien kriterji, li jekk haddiem jissodisfa hamsa minnhom ghandu jigi kkunsidrat li ghandu status ta' mpjegat.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-ewwel kriterju (a) tal-ligi msemmija, mill-provi u mix-xhieda tas-sur John Micallef li jokkua l-**

**Grad ta' Principal fl'Inland Revenue Dept, fix-xhieda tieghu tas-sedudta tat-23 ta' Marzu, 2017 gewipprezentati dokumenti fejn jirrizulta li d-dhul tar-rikorrent kien gej kollu mill-kumpanija Sara Grech Limited (C 7360 ) u ghaldaqstant ir-rikorrent tissodisfa l-ewwel kriterju tal-ligi.**

**Dwar kriterju (b) tal-ligi mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kellha struzzjonijiet li tahdem f'area indikata mis-socjeta, liema area hija msejjha "specific geographical area of activity" fejn skond klawsola 1.2 tal-kuntrat tghid "The sub-agent is responsible for his allocated Farming area and undertakes in favour of the Agent to focus on the Farming area as the sub-agent's location of expertise and Sub-agent responsibilities as described in Annex 1".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ta' kull nhar ta' Tnejn ir-rikorrenti kienet tigi moghtija direzzjoni mit-Team Leader dwar ix-xoghol li kellha tghamel matul il-gimgha u nhar ta' Gimgha, kien ikollha tattendi ghal laqghat fejn ssir prezentazzjoni dwar il-prestazzjoni ta' kull sub-agent tal-kumpanija.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizultalu mill-provi u skond il-kuntratt bejn il-partijiet klawsola 15.1 r-rikorrenti setghet tigi sorveljata mis-socjeta u fost mezzi li**

**kienet tuza s-socjeta kienu, li s-socjeta kellha d-dritt li taccessa fl'emails tar-rikorrent u tosserva l-komunikazzjonijiet li jkunu saru.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti kienet obbligata li tattendi korsijiet u workshops li jigu organizzati mis-socjeta u li l-ghan taghhom kien sabiex iharrgu lir-rikorrenti kif ghandha twettaq ix-xoghol u t-tejjeb il-prestazzjoni taghha.**

**Dwar dan l-aspett tat-tahrig it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li ghalkemm it-tahrig huwa mportanti pero, is-socjeta tistgha tobbliga mpjegat biex jiehu sehem f'korsijiet u jekk ma jippartecipax ikun suggett ghall-passi dixxiplinari, imma s-socjeta ma tistghax tobbliga u timmulta haddiem li ghandu status ta' self-employed li jattendi korsijiet ta' tahrig ghax dik hija responsabilita personali tieghu u jiddeciedi hu jekk jippartecipax.**

**Ghaldaqstant, fil-waqt li l-kumpanija tistgha tobbliga lill impjegat biex jattendi korsijiet ta' tahrig ghax dawn ikunu qed isiru jew fil-hin tax-xoghol u ghaldaqstant il-kumpanija tkun qed thallsu l-istess daqs li kieku qed jahdem jew jekk it-tahrig ikun wara l-hin tax-xoghol tistgha tikkumpensah ghal dak il-hin b'kuntrast ma dan, il-kumpanija ma tistghax tobbliga haddiem li ghandu status ta' self employed ghax hu**

**dritt fundamentali tal-haddiem self-employed li jiddecedi ghalih x'irid jghamel.**

**Sabiex it-Tribunal Industrijali jghamel din id-distinzjoni aktar cara, ezempju f'settur iehor bhal ta' electrician. Jekk electrician li jkun self-employed ma jkollux il-kwalifiki necessarji, il-kumpanija tistgha ma tqabbdux xoghol imma l-kumpanija ma tistghax tobbligah li jattendi il-korsijiet biex ikollu l-kwalifiki ncessarji. B'kuntrast ma dan, jekk l-electrician ikun impjegat tal-kumpanija, hija ghanda dritt li tobbligah li jattendi korsijiet u fl'eventwalita li ma jattendix hija ghandha d-dritt li tiehu passi dixxiplinarji.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-kundizzjoni tat-tharig li tinstab fil-kuntratt bejn il-partijiet hija aktar kundizzjoni tax-xoghol li tinstab f'kuntratt ta' impieg milli f'kuntratt ta' self-employed.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti kienet tahdem taht struzzjonijiet tal-management tas-socjeta u dan hu indikat fi klawsola 2.3 tal-kuntratt bejn il-partijiet.**

**Ma dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-rikorrenti kienet tircievi pubblikazzjoni "Agent's Guide" biex jiggwidaw u jidderegu lis-sub-agents fil-qaghdi ta' dmirijiethom.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li klawsola 11.2 tal-kuntratt bejn il-partijiet, li r-rikorrenti meta tittermina r-relazzjoni tax-xoghol mas-socjeta kienet obbligata li tghati handover li minn kien se jahdem fil-farming area taghha. Dan jikkonferma, li x-xoghol kien assenjat mis-socjeta u li kienet is-socjeta li tiddeciedi u tassenja liema xoghol kellha tahdem ir-rikorrent.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li l-obbligu li r-rikorrent kellha li tghati hand over lill minn kien se jghamel ix-xoghol flokha, li din hi kundizzjoni tax-xoghol li aktar tinstab f'kuntratt ta' impieg milli f'kuntratt ta' self-employed,**

**Meta f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jezamina l-provi relatati mal-kriterju (b) tal-ligi msemmija, jasal ghal konkluzjoni li peress ir-rikorrenti kienet tiddependi fuq il-persuna (f'dan il-kaz is-socjeta) ghax kienet is-socjeta li assenjat lir-rikorrent biex tahdem f'area partikulari u ghaldaqstant kienet il-kumpanija li stabbilit liema xoghol irid isir u fejn irid isir kif ukoll, li peress Ir-rikorrent kienet obbligata li tattendi ghal korsijiet ta' tahrig u fin-nuqqas ta' dan hija**

**kienet suggetta ghal penali kif ukoll, li kienet obbligata li tattendi ghall-laqghat ta' nhar ta' Tnejn u ta' nhar ta' Gimgha u fl'liema laqghat jigu moghtija struzzjonijiet dwar ix-xoghol u fl-ahhar tal-Gimgha kien isir assessment tax-xoghol li wettqet, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti tissodisfa kriterju (b) tal-Ligi.**

**It-Tribunal Industrijali meta ezamina u kkunsidra l-provi rigward kriterju (c) tal-ligi, mix-xhieda, dokumenti u provi ohra jirrizulta li kienet is-socjeta li tipprovidi lir-rikorrent b'makkinarju bhal mobile, spazju ta' ufficcju minfejn tahdem, is-socjeta tipprovidi wkoll computer, IT equipment u ghoddod ohra relatati max-xoghol bhal website biex ir-rikorrent tkun tistgha twettaq ix-xoghol taghha. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti kienet taghmel ix-xoghol permezz ta' makkinarju, ghodda u marerjali li kienu pprovduti mis-socjeta biex ir-rikorrenti setghet taghmel ix-xoghol taghha u ghaldaqstant ir-rikorrenti tissodisfa kriterju (c) tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali fil-kunsidrazzjonijiet tieghu rigward kriterju (d) jikkunsidra, li r-rikorrenti ma kellix stipulat hinijiet tax-xoghol fissi ghar-raguni li dan kien jiddependi skond l-appuntamenti li jkollha mal-klijenti sabiex turihom il-propjetajiet.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li mill-permess li sub-agent jkollu mill-management dwar l-uzu tal-karozza tal-kumpanija bejn 8 ta' fil-ghodu sat-8 ta' fil-ghaxija jirrifletti l-hinijiet tax-xoghol li s-sub-agents huma mistennija li jkunu mpenjati fil-qaghdi ta' dmirijiethom.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li meta r-rikorrenti ma jkollix appuntamenti mal-klijenti barra mill-ufficcju, hija kienet mistennija li tattendi l-ufficcju biex twettaq dmirijiet ohra relatati mal-propjeta bhal; inputing ta' data ta' kull progress li jkun sar mal-klijenti.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti kienet mistennija li tkun flessibbli fuq ix-xoghol u kienet tigi assenjata mill-management xoghol ta' concierage. Mill-provi jirrizulta, li dan ix-xoghol ir-rikorrenti kienet tghamlu minghajr kumpens. Mill-provi jirrizulta wkoll, li x-xoghol ta' conceriege kien jigi mwettaq minn persuna mpjegata full-time mal-kumpanija.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-kuncett ta' flessibilta fix-xoghol hija kundizzjoni tax-xoghol li tippartjieni lill haddiema mpjegati ta' kumpanija. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li dan l-aspett jirrifletti li s-socjeta ntimata**

**kienet tikkunsidra lir-rikorrenti aktar bhala mpjegata milli self-employed.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan l-aspett, mill-indikazzjoni tal-provi jirrizulta li r-rikorrenti kienet mistennija li tattendi l-uffficcju ghaliex kieku kif kienet tigi assenjata xoghol ta' conceriege. Ma dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kien hemm hinijiet skedati ghal laqghat ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha biex ir-rikorrenti tkun l-ufficcju.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li mill-provi jirrizulta, li meta r-rikorrenti ma kienitx se tattendi ghax-xoghol hija kienet obbligata li tirraporta fuq formola apposta u tirraporta n-nuqqas ta' attendenza taghha lill HR manager tas-socjeta ntimata. It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li kontroll ta' din ix-xorta aktar jinstab f'post tax-xoghol fejn hemm relazzjoni ta' mpieg milli f'relazzjoni ta' self-employed.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn l-aspetti kollha tal-kaz, jasal ghal konkluzjoni li r-rikorrenti kienet soggetta mill-management ghal skeda u ghal perjodi ta' hin tax-xoghol u ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti tissodisfa kriterju (d) tal-ligi.**

**Rigward kriterju (e) it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-kuncett ta' sub-contacting huwa tali, li meta kumpanija jew individwu jirbah ix-xoghol, ghalkemm huwa jibqa responsabbli pero jkun jistgha jassenja dan ix-xoghol kollu jew partijiet minnhu lill terzi li jistghu jkunu kumpaniji jew individwi ohra.**

**Fil-kaz inkwstjoni it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li kif jirrizulta mill-provi r-rikorrenti kienet impeduta u mizmuma mis-socjeta ntimata li tinvolvi ruha fl'istess generu ta' xoghol tal-professjoni taghha li kien kiri jew bejgh ta' propjeta.**

**Din ir-restrizzjoni mhux biss kienet tinkludi ma kumpaniji ohra li ghandhom l-istess generu ta' xoghol imma wkoll ma ndividwi ohra li m'ghandhomx konessjoni mas-socjeta ntimata. Mill-provi jirrizulta, li ghalkemm ir-rikorrenti kienet registrata bhala self-employed kienet ipprojbita mis-socjeta li tahdem bhala professjonista ndipenedenti u lanqas ma setghet timpjega haddiema maghha sabiex tassenjalhom xoghol fil-propjeta.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li l-kuncett ta' self-employed huwa, il-persuna hija libera li tahdem ghal min trid u tistgha wkoll li ghalkemm tibqa responsabbli mix-xoghol li jkun gie moghti lillha pero tistgha wkoll tghaddi dan ix-xoghol lill terzi persuni jew jekk tkun trid timpjega wkoll haddiema maghha. Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali**

**meta jikkunsidra l-kundizzjonijiet li r-rikorrenti kienet tahdem fihom jasal ghal konkluzjoni, li l-kundizzjonijiet li kienu mposti fuq ir-rikorrent huma aktar kundizzjonijiet li jippartjenu kuntratt ta' mpieg milli kuntratt ta' self-employed.**

**Invista ta' dan li qed jigi spjegat hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jirrizultalu li r-rikorrent ma setghetx tghamel sub-contracting u ghaldaqstant hija tissodisfa kriterju (e) tal-ligi.**

**Rigward kriterju (f) it-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li r-rikorrent kienet obbligata li tbieh jew tikri propjetajiet li kienu biss jidhru fuq il-website tas-socjeta jew registrati mas-socjeta ntimata. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li mill-provi jirrizulta, li s-socjeta ntimita ghandha prattici li sabiex tohloq kultura ta' ntegrazzjoni kienet obbligat ir-rikorrenti sabiex tattendi korsijiet, workshhops, team meetings organizzati mis-socjeta u liema attivitajiet ta' tahrig ghandhom l-ghan li s-sub-agents itejjbu l-prestazzjoni taghhom sabiex is-socjeta tilhaq l-ghanijiet u l-objettivi taghha dak li tikkompetti b'efficenza ahjar biex tkabbar il-bejgh u l-kiri tal-propjeta b'rizultat li ttejjeb id-dhul finanzjaru u l-profitti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti kienet integrata fl'istruttura tal-**

**process tal-produzzjoni, fl'organizazzjoni tax-xoghol u fil-gerarkija tal.kumpanija. Rigward l'aspett ta' l-organizazzjoni tax-xoghol diga saret riferenza ghalija f'din id-Decizjoni fejn hija s-socjeta li tidditermina liema farming area ir-rikorrenti tigi assenjata li tahdem kif ukoll meta jigi tterminat il-kuntratt ir-rikorrenti kienet obbligata li tghati hand over lill min ikun se jiehu x-xoghol li kienet tahdem. Ma dan, saret ukoll riferenza ghal laqghat skedati ta' nhar ta' Tnejn u nhar ta' Gimgha sabiex ix-xoghol jigi organizzat u processat ahjar.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, li anke l-obbligu tat-tahrig ghandu l-objettivi sabiex is-sub-agents mhux biss ittejjbu l-prestazzjoni taghhom imma wkoll huwa mezz ta' strategija biex tintegra s-sub-agents fil-kultura tal-kumpanija u jhossuhom li jghamlu parti mit-team tal-kumpanija.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti kienet integrata fl'istruttura u fil-process tal-produzzjoni tas-socjeta fejn Annex 1 tal-kuntratt bejn il-partijiet mmarkat bhala "Principal responsibility" qed jigi specifikat d-dmirijiet kif ukoll lill minn ir-rikorrenti hija obbligata lejn minn ghandha tirrispondi fil-gerarkija u l-istruttura tal-kumpanija.**

**Rigwad id-dmirijiet f'Annex 1 tal-kuntratt bejn il-partijiet jghid "Acquisition of properties and customers and selling properties by**

**farming activities (implementation of the penetration plan); Systematic implementation of the E&V success drivers (core duties and implementation duties) and development of an acquisition strategy (together with the SD); Property valuation and Property responsibility under the use of GO!; Responsibility for quality and delivery of exposes; Viewings; Customer support of all commercial/rental/sale properties until contract has been signed; Creation of direct mail shots for acquisition purposes; Signing of exclusive mandates; Networking with searching customers owners, opinion leaders, investors etc; Market research/market analysis/monitoring of competitors activities (signs etc); Reporting activities to Sales Director; Taking care of open house viewings etc.)".**

**It-Tribunali Industrijali jinnota li din il-forma ta' Job Description aktar tinstab f'kuntratt ta' mpieg milli f'kuntratt ta' self-employed u minn dawn il-provi t-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li r-rikorrenti kienet integrata fil-gerarkija tal-kumpanija.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-socjeta ghandha struttura ta' Chief Executive Officer, Chief Operating Officer, Sales Director, Group Administration, HR Director, marketing Assistant, Social Media Assistant, Assistant and Office Manager, Concierage u l-Agenti tal-propjeta. Mill-istess provi jirrizulta car li r-rikorrenti kellha tirrispondi lejn is-Sales Director.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dak li jirrizulta mill-provi ta' l-attivitajiet msemmija hawn fuq jirrizulta, li r-rikorrenti kienet integrata fl'istruttura tal-process tal-produzzjoni tax-xoghol, fil-gerakija tal-kumpanija u ta' l-organizazzjoni u ghaldaqstant ir-rikorrenti tissodisfa kriterju (f) tal-ligi.**

**Rigward kriterju (g) It-Tribunal Industrijali jikkunsidra li mill-provi jirrizulta, li l-attivita principali tas-Socjeta ntimata hija l-bejgh u l-kiri tal-propjeta u minn din l-attivita kummercjali l-kumpanija Sara Grech Limited (C 7360) tiggenera d-dhul finanzjarju u sub-agents bhalma kienet ir-rikorrenti kienu jibbenefikaw minn percentagg tal-kummissjoni.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li jirrizuta mill-provi, li s-socjeta ntimita biex tghati rikonoxximent u incentiv ghal prestazzjoni li jkollhom is-sub-agents tippartecipa fl' attivita ta' Engel & Volkers li l'iskop taghha huwa li tirrikonoxxi lill dawk is-sub agents tal-propjeta li jkollhom l-ahjar prestazzjoni fil-bejgh u l-kiri tal-propjeta u b'hekk jigu milhuqa l-ghanijiet u l-objettivi tal-kumpanija. Dan juri li l-attivita tal-persuna f'dan il-kaz is-sub-agent hija element centrali ghas-success tal-kumpanija. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrent ghal darbtejn kklassifikat ma l-aqwa 10 sub-agents li kienu ghas-snin 2015 u 2016.**

**Ghaldaqstant meta it-Tribunal Industrijali janalizza l-iskop ta' din l-attivita huwa tal-fhema, li din l-attivita mhix ghajr mezz u sistema biex tevalwa u tinfluenza l-prestazzjoni ta' kull sub-agent fil-process tax-xoghol tieghu u tinfluenza lill kull sub-agent li l-isforzi tieghu jigu rikonoxxuti mill-kumpanija ghax wara kollox huwa permezz tal-prestazzjoni tieghu jistghu jintlahqu l-objettivi u l-ghanijiet tal-kumpanija u minghajr sub-agents lanqas l-istess kumpanija ma tistgha tibqa tiffunzjona u tezisti. It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li dan kollu jirrifletti kemm is-sub-agent huwa element centrali fl'organizazzjoni tal-kumpanija.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-provi msemmija hawn fuq, kif ukoll li l-agenzija ma tistghax tilhaq l-objettivi taghha minghajr ma jkollha x-xoghol tas-sub-agent, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni li r-rikorrent kienet element centrali fl-Organizazzjoni u ghaldaqstant tissodisfa kriterju (g) tal-ligi.**

**Rigward Kriterju (h) tal-ligi, mix-xhieda li ezamina t-Tribunal Industrijali jinnota, li mix-xhieda ta' Sara Grech tas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2017 pagna 4 jirrizulta li s-socjeta kienet timpjega Estate Agents. It-Tribunal Industrijali diga ghamel riferenza ghal dan it-titlu li hu l-istess ta' sub-agent.**

**Fix-xhieda msemmija ta' Sara Grech hija tghid, li hemm differenza ta' kundizzjonijiet tax-xoghol bejn sub-agent impjegat u iehor self-employed. Hija tghid ukoll, li fil-waqt li mpjegat ikollu salarju u kundizzjonijiet tax-xoghol stabbiliti skond il-ligi pero jkollu kummissjoni zghira ikkomparat ma sub-agent self-employed li jkollu kummissjoni akbar pero ma jkunx intitolat ghal salarju u kundizzjonijiet ohra tax-xoghol skond il-ligi bhal leave u sick leave.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, id-dokument li gie pprezentat mill-Jobsplus fejn hemm lista ta' diversi nies li kienu mpjegati maz-zmien bhala Estate Agents mal-kumpanija ntimata.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dawn il-provi huwa tal-fehma, li dan il-kriterju tal-ligi mhux qed jirreferi d-distinzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xoghol, izda qed jirreferi li n-natura tax-xoghol hija simili bejn persuna li hija mpjegata u ohra li hija self-employed.**

**Invista tal-provi msemmija hawn fuq, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti tissodisfa kriterju (h) tal-ligi.**

**Matul il-provi s-socjeta resqet dokument rigward l-applikazzjoni ta' ezenzjoni ta' Estate Agents. Meta t-Tribunal Industrijali ezamina r-**

**ragunijiet li ghamlet is-socjeta lid-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali jasal ghal konkluzjonijiet imsemmija kif jidher hawn taht.**

**a) Is-Socjeta tghid "Property negotiators are by the very nature of fact commonly referred to as consultants' free to determine how much effort they put in and how much remuneration they earn"**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina din id-dikjarazzjoni jinnota li din id-dikjarazzjoni ma tispjegax kriterju (a) tal-ligi li jghid "hija tiddependi minn persuna wahda ghal min is-servizz qed jigi provdut ghal mill-inqas 75% tad-dhul f'perjodu ta' sena". It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li fl-applikazzjoni li ghamlet is-socjeta kellha tindika jekk 75% fis-sena tad-dhul ta' l-agenti kienx jiddependi mis-socjeta ntimita.**

**b) Fl'istess dokument li pprezentat is-socjeta tkompli tghid "They are VAT" jigifieri li dawn il-haddiema huma registrati mal-VAT. Dwar dan l-aspett dan it-Tribunal Industrijali diga ttratta din is-sitwazzjoni f'din id-Decizjoni rigward l'abbuz li jsir minn xi sidien li minflok li jimpjegaw jghidu lill-haddiem li biex jghatuh ix-xoghol kellu jirregistra bhala self-employed u jirregistra wkoll ghas-sistema tal-VAT.**

**It-Tribunal Industrijali diga spjega f'din id-Decizjoni li kienet ghal din ir-raguni li giet introdotta l-Legislazzjoni Sussidjarja 452.108 bl'Avviz Legali 44 tal-2012 biex jigi evitat il-prekarjat sfaccat li kien qed isir minn xi sidien. Ghaldaqstant, li s-socjeta targumenta li dawn il-**

**haddiema huma registrati mal-VAT ma hix prova bizzejjed li r-relazzjoni tax-xoghol li kellha ma dawn il-haddiema ma kienitx relazzjoni li tikkwalifika ghal status ta' impieg skond il-ligi.**

c) **Fid-dikjarazzjoni li ghamlet is-socjeta tghid, li dawn il-haddiema "are entirely free to change their relationship from one day to another without notice" Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota, li ghalkemm din setghet kienet is-sitwazzjoni meta saret l-applikazzjoni pero, dan zgur mhux fil-kaz inkwestjoni bejn is-socjeta ntimata u r-rikorrenti ghar-raguni li klawsola 10.3 tal-kuntratt bejn il-partijiet hemm terminu ta' zmien biex jintemm il-kuntratt fejn jispecifika gimghatejn ghal kull sena servizz sa massimu ta' tnax il-gimgha.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jirrizultalu mill-provi li fil-kaz tar-rikorrenti qatt ma saret applikazzjoni lid-Dipartiment skond il-ligi biex tigi moghtija status ta' self-employed u liema applikazzjoni kellha ssir qabel ma r-rikorrenti tibda fix-xoghol taghha mas-socjeta ntimata.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ohra ta diversi klawsoli fil-kuntratt bejn il-partijiet datat 29 ta' Frar 2016, kif ukoll prattici tax-xoghol li r-rikorrenti kienet tahdem fihom. Fost il-klawsoli tal-kuntratt wiehed isib :-**

**a) Il-klawsola 10.2 Probation. Din il-klawsola tispecifika li l-ewwel sitt xhur tal-kuntratt huwa zmien ta' prova u ghaldaqstant il-kuntratt jista jigi terminat minn naha tas-socjeta ntimata. Klawsola li hafna drabi tinstab f'kuntratt ta' mpieg u mhux f'kuntratt ta' self-employed.**

**b) Klawsola 15.1 li l-kumpanija ghandha d-dritt li jkollha access ta' l-emails tar-rikorrent sabiex tosserva l-komunikazzjonijiet li jkunu qed isiru. Din il-klawsola tirrifletti l-kontroll assolut li s-socjeta trid timponi fuq ir-rikorrent li hija sitwazzjoni li ma tezistix f'persuna li ghandha status ta' self-employed.**

**Ma dan it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li anke certu prattici bhal;**

**(1) li r-rikorrenti hija obbligata li tinforma bil-miktub lill HR manager tas-socjeta meta ma tkunx se tattendi ghax-xoghol.**

**(2) il-kuncett ta' flessibilita li r-rikorrenti kienet obbligata li tissotittwixxi lill conceriege li hija mpjegata full-time mas-socjeta ntimata.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li dawn il-klawsoli msemmija hawn fuq huma kollha kundizzjonijiet li jinstabu f'kuntratt ta' impieg milli wiehed isibhom f'kuntratt ta' self-employed.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li klawsola 12.1 tal-kuntratt bejn il-partijiet, fejn ir-rikorrent qed tigi obbligata li tghati evidenza lis-socjeta ntimata li qed tahallas it-taxxa u l-VAT. Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-ebda self-employed ma hu obbligat li jghati din l-evidenza lill min qed jghatih ix-xoghol.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzjoni li r-rikorrenti tissodisfa t-tmien kriterji tal-Ligi u invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta Sara Grech Limited (C 7360).**

**Invista ta' din id-Decizjoni Preliminari dan it-Tribunal Industrijali jkompli bis-smigh tal-kaz biex jigi Deciz jekk l-impieg tar-rikorrenti min mas-Socjeta Sara Grech Limited kienx gie terminat ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 15 ta' Dicembru, 2020**